3. As a follow up to the previous demand, order the same respondent so that within the time established by this

ineħħi dak kollu li huwa ħwejġu u jagħti lura l-pussess battal tal-fond suriferit fl-istess stat tajjeb illi kien mgħoddi lilu u jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jieħu lura l-pussess tal-fond de quo;

4. Kontestwalment, jillikwida somma ekwivalenti għall-bilanċ pendenti għal provvista ta' dawl u ilma fil-fond bin-numru 26, Saint Christopher Flats, Block B, Flat 15, Triq il-Kuċċard, San Ġiljan, dovuti u jordna lill-intimat iħallas lill-esponenti u/jew lil ARMS jew min minnhom dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 4738/2021 u bl-imgħax legali kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 11, Triq Carmelo Caruana, Marsaxlokk

Intimat: 26, Saint Christopher Flats, Block B, Flat 15, Triq il-Kuċċard, San Ġiljan

Ir-rikors fl-ismijiet Mark Darmanin vs Vincent Borg, Rikors numru 84/2022NB, jinsab differit għat-23 ta' Settembru, 2022, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Honourable Board, he removes all his belongings and gives back the vacant possession of the premises above mentioned in a good state as it was given to him and authorises the applicant to resume possession of the premises in question;

4. Concurrently, liquidate an equivalent amount of the pending bills for the consumption of water and electricity of the premises 26, Saint Christopher Flats, Block B, Flat 15, Triq il-Kuċċard, San Ġiljan, due and order the respondent to pay the applicant and/or ARMS or any one of them the liquidated amount.

With costs, including those of the judicial letter number 4738/2021 and with legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 11, Triq Carmelo Caruana, Marsaxlokk

Respondent: 26, Saint Christopher Flats, Block B, Flat 15, Triq il-Kuċċard, San Ġiljan

The application in the names Mark Darmanin vs Vincent Borg, Application number 84/2022NB, has been postponed for hearing to the 23rd September, 2022, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1285

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ġunju, 2022, fl-atti tal-protest numru 95/2022, fl-ismijiet 2R's Limited vs Issa Isslam Tawfik et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront tal-intimat Issa Isslam Tawfik.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 2 ta' Marzu, 2022

Protest Ġudizzjarju numru 95/2022

2R's Limited (C61760)

vs

Issa Isslam Tawfik (KI 20380A) u Bank of Valletta plc (C2833)

Protest ai termini tal-Artikolu 2072 tal-Kodiċi Ċivili ta' 2R's Limited (C61760)

By means of a decree of the 30th June, 2022, in the records of the judicial protest number 95/2022 in the names 2R's Limited vs Issa Isslam Tawfik et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on the respondent Issa Isslam Tawfik.

In the First Hall of the Civil Court

Today 2nd March, 2022

Judicial Protest number 95/2022

2R's Limited (C61760)

vs

Issa Isslam Tawfik (ID 20380A) and Bank of Valletta plc (C2833)

Protest in terms of Article 2072 of the Civil Code of 2R's Limited (C61760)

Jesponu bir-rispett:

Illi fis-7 ta' Settembru, 2021, inbiegħ fl-atti tal-irkant fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Issa Isslam Tawifk, l-appartament internament immarkat bin-numru 3, li jinsab fit-tieni sular, u jifforma parti minn blokk ta' 4 appartamenti, liema blokk huwa bla numru uffiċjali u bl-isem Buontempo Estates li jinsab fi triq privata mingħajr isem li tagħti għal Balzan Valley, Ħal Balzan, u liema flat jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-imsemmi blokk meta wieħed iħares lejn l-imsemmi blokk. Inkluż mal-appartament hemm ukoll kwart (1/4) sehem indiviż tal-partijiet komuni tal-imsemmi blokk ta' appartamenti u jinkludi wkoll il-kamra tal-bejt tal-arja ta' ċirka 35mk li huma aċċessibbli mill-partijiet komuni tal-imsemmi appartament li jikkonfina mill-irjiħat kollha ma' proprjetà ta' Devicon Limited. L-imsemmi blokk jikkonfina mil-Lbiċ mill-Majjistral u mix-Xlokk mat-triq ġdida bla isem li tagħti għal Balzan Valley, Ħal Balzan, u irjieħ oħra verjuri. L-imsemmi appartament igawdi d-drittijiet u huwa suġġet għas-servitujiet naxxenti mill-pożizzjoni tiegħu. L-imsemmi appartament huwa liberu u battal bid-drttijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu;

Illi l-esponenti hija kreditriċi tal-intimat Issa Isslam Tawfik fis-somma ta' €15,000 oltre l-imgħaxijiet dekorribbli mit-12 ta' Frar, 2016, u dan skont sentenza li għaddiet in ġudikat fl-ismijiet 2R's Limited vs Issa Isslam Tawfik (Rikors Ġuramentat numru 725/2014MH) deċiża fit-12 ta' Frar, 2016, u dan oltre dejn ieħor skont kostituzzjoni ta' debitu tat-28 ta' Jannar, 2014, fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fis-somma ta' €24,000;

Illi dan il-kuntratt kien ġie reż eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' Frar, 2022;

Illi in garanzija tad-dejn favur l-esponenti, l-intimat Issa Isslam Tawfik ikkostitwixxa favur tagħha ipoteka speċjali fuq l-imsemmi appartament f'Ħal Balzan, liema ipoteka tinsab iskritta fir-Reġistru Pubbliku bin-nota tal-insinwa numru H.1400/2014;

Illi sal-lum l-esponenti għad fadlilha tieħu s-somma komplessiva ta' €46,259.18 sorte u mgħaxijiet sal-aħħar ta' Frar 2022, oltre kwalsijasi mgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjeż tal-kawża fl-ismijiet 2R's Limited vs Issa Isslam Tawfik (Rikors Ġuramentat numru 725/2014MH) deċiża fit-12 ta' Frar, 2016, u tal-appell relattiv li ġie dikajarat dežert fis-16 ta' Settembru, 2021;

Illi ai termini tal-artikolu 2069 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 356 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimati jew min minnhom huma obbligati jħallsu d-dejn ipotekarju tal-esponenti fis-sħiħ, bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;

Request with respect:

That on the 7th September 2021 in the acts of the judicial sale by auction in the names Bank of Valletta plc vs Issa Isslam Tawfik, the apartment internally marked number 3 that is found on the second floor and forms part of a block of four (4) apartments, which block is without an official number and named Buontempo Estates which is located in an unnamed private street leading to Balzan Valley, Ħal Balzan and which flat is located on the left hand side of the said block when looking at the said block. Included with the apartment is also a quarter (1/4) undivided share of the common parts of the said block of flats and also includes the room on the roof of approximately 35sqm which are accessible from the common parts of the apartment which is bounded on all sides with property of Devicon Limited. The said block is bounded on the southwest, northwest and southeast by the new unnamed road which leads to Balzan Valley, Ħal Balzan and other more precise boundaries. The said apartment enjoys the rights and is subject to the servitudes arising from its position. The said apartment is free and vacant with all its rights and appurtenances;

That the applicant is a creditor of the respondent Issa Isslam Tawfik in the amount of €15,000 besides the interest due from the 12th February, 2016, and this according to a judgement which is now final in the names 2R's Limited vs Issa Isslam Tawfik (Sworn Application number 725/2014MH) decided on the 12th February, 2016, and this besides other debts according to the constitution of debt deed of the 28th January, 2014, in the records of Notary Mario Bugeja in the amount of €24,000;

That this contract was rendered executable in terms of Article 256 of Cap. 12 of the Laws of Malta by means of an official letter dated 23rd February, 2022;

That in guarantee of the debt in favour of the applicant, the respondent Issa Isslam Tawfik constituted in its favour a special hypothec on the said apartment in Ħal Balzan, which hypothec is registered in the Public Registry with the note of registration number H.1400/2014;

That to date the applicant still has to receive the total amount of €46,259.18, being the principal sum and interest until the end of February 2022, besides any further interest until the date of effective payment and besides the costs of the lawsuit in the names 2R's Limited vs Issa Isslam Tawfik (Sworn Application number 725/2014MH) decided on the 12th February, 2016, and of the relative appeal that was declared abandoned on the 16th September, 2021;

That in terms of article 2069 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta and Article 356 of Cap. 12 of the Laws of Malta, the respondents or any of them are obliged to pay the hypothecary debt due to the applicant in its entirety, with interest till the date of effective payment;

Illi fin-nuqqas ta' ħlas sħiħ skont il-liġi, l-intimat Bank of Valletta plc huwa obbligat li jitlaq il-fond mibjugħ lilu bl-irkant tas-7 ta' Settembru, 2021, mingħajr ebda riżerva.

Għaldaqstant, filwaqt li jġibu s-su espost a formali konjizzjoni tal-intimati kollha l-esponenti jinterpellaw:

i) Lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsuhom is-somma komplessiva ta' €46,259.18 sorte u mgħaxijeit sal-aħħar ta' Frar 2022, oltre kwalsijasi mgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjeż tal-kawża fl-ismijet 2R's Limited vs Issa Isslam Tawfik (Rikors Ġuramentat numru 725/2014MH) deċiża fit-12 ta' Frar, 2016, u tal-appell relattiv li ġie dikjarat deżert fis-16 ta' Settembru, 2021;

ii) Fin-nuqqas, lill-intimat Bank of Valletta plc waħdu sabiex jitlaq il-fond akkwistat minnu bl-irkant tas-7 ta' Settembru, 2021, u ċjoè l-appartament internament immarkat bin-numru 3 li jinsab bit-tieni sular, u jifforma parti minn blokk ta' 4 appartamenti, liema blokk huwa bla numru uffiċjali u bl-isem Buontempo Estates, li jinsab fi triq privata mingħajr isem li tagħti għal Balzan Valley, Ħal Balzan, u liema flat jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-imsemmi blokk meta wieħed iħares lejn l-imsemmi blokk. Inkluż mal-appartament hemm ukoll kwart (1/4) sehem indiviż tal-partijiet komuni tal-partijiet komuni tal-imsemmi blokk ta' appartmenti u jinkludi wkoll il-kamra tal-bejt tal-arja ta' ċirka 35mk li huma aċċessibbli mill-partijiet komuni tal-imsemmi appartament li jikkonfina mill-irjiħat kollha ma' proprjetà ta' Devicon Limited, konfinanti, dan il-blokk mil-Lbiċ mill-Majjistral u mix-Xlokk mat-triq ġdida bla isem li tagħti għal Balzan Valley, Ħal Balzan, u rjieħ oħra verjuri, bid-drittijiet u suġġett għas-servitujiet naxxenti mill-pożizzjoni tiegħu, liberu u battal, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u sabiex jiżgombra mill-istess fond mingħajr ebda riżerva, kollox ai termini tal-artikoli 2069 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili u tal-artikolu 356 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

U għal dan il-għan qegħdin minn issa ipoġġuhom f'dolo, culpa u mora għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Mittenti: 2R's Limited, Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Protestati: i) Issa Isslam Tawfik, 165 Buontempo Buildings, Flat 3, Balzan Valley, Ħal Balzan
ii) Bank of Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That in default of full payment in accordance with the law, the respondent Bank of Valletta plc is obliged to leave the premises sold to it by auction on the 7th September, 2021, without any reservations.

Accordingly, whilst putting the respondents on notice with all of the above, the applicants solicit:

i) The respondents or any of them to pay the total amount of €46,259.18, by way of prinċipal sum and the interest till the end of February 2022, besides any further interst until the date of effective payment and besides the costs of the lawsuit in the names 2R's Limited vs Issa Isslam Tawfik (Sworn Application number 725/2014MH) decided on the 12th February, 2016, and of the relative appeal that was declared abandoned on the 16th September, 2021;

ii) In default, the respondent Bank of Valletta plc alone to vacate the premises acquired by it by the auction of the 7th September 2021 that is the apartment internally marked number 3 that is found on the second floor and forms part of a block of four (4) apartments, which block is without an official number and named Buontempo Estates which is located in an unnamed private street leading to Balzan Valley, Ħal Balzan, and which flat is located on the left hand side of the said block when looking at the said block. Included with the apartment is also a quarter (1/4) undivided share of the common parts of the said block of flats and also includes the room on the roof of approximately 35sqm which are accessible from the common parts of the apartment which is bounded on all sides with property of Devicon Limited. The said block is bounded on the southwest, northwest and south east by the new unnamed road which leads to Balzan Valley, Ħal Balzan and other more precise boundaries. The said apartment enjoys the rights and is subject to the servitudes arising from its position. The said apartment is free and vacant with all its rights and appurtenances, and to evict from the same premises without any reservation, all in terms of Article 2069 et sequitur of the Civil Code and of Article 356 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

And for this purposes they are from now being placed in dolo, culpa and mora for all the purposes and effects of the law.

With costs and interest

Applicant: 2R's Limited, Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Respondents Notification: i) Issa Isslam Tawfik – 165, Buontempo Buildings, Flat 3, Balzan Valley, Ħal Balzan
ii) Bank of Valletta plc.

Registry of the Superior Courts today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1286

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1264/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Construction Engineering Limited ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Construction Engineering Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' Mejju, 2021

Lil: Construction Engineering Limited (C80638) ta' Spinola Crt, Blk C, Apt 69, Fuq il-Ġonna, Is-Swieqi; u

Central Business Centre, Floor 2, Suite 1, Room 1, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €1,185.15 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti 5 skadenzi ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €237.03, liema kambjali mmaturaw fis-sitta u għoxrin (26) ġurnata ta' kull xahar minn Jannar 2021 sa Mejju 2021 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A5).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Procedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 26th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1264/2021 in the names J Zammit Limited vs Construction Engineering Limited the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company Construction Engineering Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th May, 2021

To Construction Enginéering Limited (C80638) of Spinola Crt, Blk C, Apt 69, Fuq il-Gonna, Swieqi; and Central Business Centre, Floor 2, Suite 1, Room 1, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €1,185.15 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 5 expired bills of exchange each of value €237.03, which bills of exchange were due on the 26th day of each month from January 2021 till May 2021 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A5).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

Soo much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1287

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Lulju, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1081/2021, fl-ismijiet Awtorità għat-Trasport f'Malta vs Anne Agius, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Anne Agius a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 12th July 2021 of the Court of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 1081/2021, in the names Malta Transport Authority vs Anne Agius, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anne Agius in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 11 ta' Mejju, 2021

Lil: Anne Agius (passaport numru B113671) ta' Triq Perveril Despott, Il-Kappara, San Ġwann, Malta

Permezz tal-preżenti l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, imwaqqfa bl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,444.00, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti l-valur tal-ammont dovut minnek lill-mittenti inkonnessjoni mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF 357.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Di piu, ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza.

Dan l-att qed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddi biex tesegwixxi dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 11th May, 2021

To: Anne Agius (passport number B113671) of Triq Perveril Despott, Kappara, San Ġwann, Malta

By the present Malta Transport Authority, hereby established by Article 5 of the Malta Transport Authority Act of the Malta Transport Authority, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, is notifying you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the effects and purposes of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and is soliciting you to pay the amount of €2,444.00, which amount is sure, liquid and due representing the value of the amount due by you to the interpellant in connection with the vehicle with registration number DAF 357.

Despite several interpellations from the interpellant to pay the amount due, you failed to pay by the date of submission of this letter. And also, there is no valid reason for this default.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part in terms of the said Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta the interpellant passes to execute this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1288

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Lulju, 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-22 ta' Lulju,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 22nd of July, 2022, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder so that for every purpose and effect of the law serves as notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By decree given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section on the 22of of July,

2022, fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-numru 172/2022 ta' Mario Grima (detentur tal-liċenzja tas-sewqan Amerikana numru PA25080964), irtirat, iben il-mejjet John Grima u l-mejta Mary sive Rita née Muscat, imwieled fin-Nadur, Għawdex fil-ħdax (11) ta' April, elf disa' mija u sittin (1960) u residenti f'Pennsylvania, l-Istati Uniti tal-Amerika (111 Pine Court, Saylorsburg, PA 18353); u Angela Mary Grima (detentriċi tal-passaport Amerikan numru 212063200), irtirata, mhux miżżewġa, bint il-mejjet John Grima u tal-mejta Mary sive Rita née Muscat, imwielda fin-Nadur, Għawdex fil-ħamsa (5) ta' Diċembru, elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) u residenti fi New York, l-Istati Uniti tal-Amerika (32-11 53rd) jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti huma s-sidien ta' fond bl-ajra sovrastanti u l-art sottostanti, bin-numru uffiċjali mija u sitta (106) jew numru ieħor aktar korrett, li jinsab fi Triq it-Tiġrija, fin-Nadur, Għawdex, bil-ġnien anness tiegħu bil-kejl ta' ċirka erba' mija u tnejn u tmenin metru kwadru (482m.k.) konfinanti mill-Majjistral mat-triq, mix-Xlokk in parte ma' beni tar-Reverendu Dun Salv Curmi u in parte ma' terzi mhux magħrufa u mill-Grigal ma' beni ta' Anthony u Maryanne Cauchi u in parte ma' terzi mhux magħrufa u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha kif indikat aħjar bl-ittra 'B' immarkata bil-blu fuq il-pjanta tal-proprjetà hawn annessa u mmarkata bħala Dok. PS1. L-imsemmi fond inbena fuq l-artijiet magħrufa bħala 'Tat-Tiġrija' sive 'Tal-Ħabel tan-Nadur' sive 'Tat-Tamburlin';

Illi din il-proprjetà oriġinarjament ġiet akkwistat permezz ta' kuntratt in atti n-Nutar Angelo Cauchi tad-disgħa (9) ta' Settembru elf disa' mija tmienja u tletin (1938) u minn dan l-att jirriżulta li kien dovut lill-intimati bħala subċens fl-ammont ta' lira, seba' (7) xelini u ħames (5) soldi ekwivalenti għal lira u sebgħa u tletin ċenteżmu tal-munita antika (Lm1.37c) ekwivalenti għal tliet ewro u dsatax-il ewro ċenteżmi (€3.19) bħala ċens annwu u perpetwu fuq il-proprejtà hawn fuq deskritta;

Illi l-esponenti jridu jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom mill-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, u jifdu dan il-ħlas ta' ċens skont il-liġi;

Illi l-ammont ta' tliet ewro u dsatax-il ewro ċenteżmi (€3.19) kapitalizzati bil-ħamsa fil-mija (5%) jammontaw għal tlieta u sittin ewro u tmenin ewro ċenteżmi (€63.80);

Illi l-esponenti qegħdin ukoll jiddepożitaw is-somma ta' ħmistax-il ewro u ħamsa u disgħin ewro ċenteżmu (€15.95) bħala arretrati ta' ħlas tas-subċens.

Għaldaqstant l-esponenti sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u

2022, in the acts of the Schedule of Deposit bearing number 172/2022 of Mario Grima (holder of American driving license number PA25080964), retired, son of the late John Grima and the late Mary sive Rita née 'Muscat, born in Nadur, Gozo on the eleventh (11th) of April, one thousand nine hundred sixty (1960) and residing in Pennsylvania, United States of America (111 Pine Court, Saylorsburg, PA 18353]; and Angela Mary Grima (holder of American passport number 212063200), retired, unmarried, daughter of the late John Grima and of the late Mary sive Rita née 'Muscat, born in Nadur, Gozo on the fifth (5th) December , one thousand nine hundred and fifty-one (1951) and residing in New York, United States of America (32-11 53rd) humbly request:

That the applicants are the owners of a tenement with the overlying airspace and the underlying subsoil, with the official number one hundred and six (106) or another more correct number, located in Triq it-Tiġrija, Nadur, Gozo, with its adjoining garden measuring about four hundred and eighty-two square meters (482m.k.) bounded on the northwest by the Road, on the southeast in part by the property of the Rev. Fr Salv Curmi and partly with unknown third parties and northeast with property of Anthony and Maryanne Cauchi and partly with unknown third parties and with all its rights and pertinences as better indicated by the letter 'B' marked in blue on the the site plan attached hereto and marked as Doc. PS1. The said premises were built on the lands known as 'Tat-Tiġrija' sive 'Tal-Ħabel tan-Nadur' sive 'Tat-Tamburlin';

That this property was originally acquired by means of a contract in deeds in Notary Angelo Cauchi of the ninth (9) of September one thousand nine hundred and thirty eight (1938) and from this deed it results that it is due to the respondents as sub-groundrent the amount of one lira, seven (7) shillings and five (5) pence equivalent to one pound and thirty-seven cents of the old coin (Lm1.37c) equivalent to three euro and nineteen euro cents (€ 3.19) as an annual and perpetual groundrent on the property described above;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty conferred on them by Article 1501 of the Civil Code, and redeem this ground rent payment in accordance with the law;

That the amount of three euro and nineteen euro cents (€3.19) capitalized by five percent (5%) amounts to sixty three euro and eighty euro cents (€63.80);

That the applicants are also depositing the sum of fifteen euro and ninety-five euro cents (€15.95) as arrears of payment of the sub-ground rent.

Therefore, in order to absolve themselves of all responsibility, the applicants are acting before this Honorable

taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma komplessiva ta' disgħa u sebgħin ewro u ħamsa u sebgħin ewro ċenteżmi (€79.75) fidi tas-subċens u ħlas ta' arretrati dovuti kif fuq spjegat, liema somma tista' liberament tittieħed mill-intimata wara li titħalla debita ricevuta.

Inti għal daqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 22 ta' Lulju, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Court and under its authority deposit the total sum of seventy-nine euro and seventy-five euro cents (€79.75) representing the redemption of the sub-groundrent and payment of arrears due, as explained above, which sum may be freely withdrawn by the respondent after leaving a due receipt.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office. And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, above mentioned, with the witness of the Hon. Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Today the 22nd of July, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1289

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta' Awwissu, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 423/2021, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Pawlu Marmara, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Pawlu Marmara a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 25 ta' Frar, 2021

Lil: Pawlu Marmara (KI 799960M) ta' 56, Villefranc, P/H 8, Triq il-Lampuka, Marsaskala

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni

By means of a decree of the 31st August, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 423/2021 in the names Automated Revenue Management Services Ltd vs Pawlu Marmara, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Pawlu Marmara in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 25th February, 2021

To: Pawlu Marmara (ID 799960M) of 56, Villefranc, P/H 8, Triq il-Lampuka, Marsaskala

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc, notifies you with the attached sworn

ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,404.78, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut u rapprezentanti bilanc dovut għall-konsum ta' elettriku, kera ta' meter tal-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000270837 ossija dwar il-fond bl-indirizz Fourwinds, Triq ir-Rixtellu, In-Naxxar.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €2,404.78, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of electricity, rent of electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the bill number 101000270837 regarding the premises with Fourwinds, Triq ir-Rixtellu, Naxxar.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1290

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Mejju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2257/2020, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Kayleigh Dalton ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Kayleigh Dalton a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 29 ta' Ottubru, 2020

Lil: Kayleigh Dalton (KI 232095M) ta' 92, Espedito, Flat 4, Triq Bernardette, San Ġwann

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tagħmillek referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnek innumerati min-numru ħamsa u tletin (35) san-numru sebgħa u ħamsin (57), kopja ta' liema qegħdin jiġu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali li kellhom jitħallsu kull nhar l-24 tax-xahar u ċjoè bejn l-24 ta'

By means of a decree of the 30th May, 2022, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2257/2020 in the names J. Zammit Limited vs Kayleigh Dalton the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Kayleigh Dalton in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 29th October, 2020

To: Kayleigh Dalton (ID 232095M) of 92, Espedito Flat 4, Triq Bernardette, San Ġwann

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, refers you to the bills of exchange signed and accepted by yourself numbered from number thirty five (35) to number fifty seven (57) copies of which are hereby being attached together with this judicial letter, and this due to the fact that these bills of exchange should have been paid on the 24th day of every month and that is

Mejju, 2018 u l-24 ta' Marzu, 2020, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejt interpellata kemm-il darba, tinterpellak sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €3,615.37 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżak illi jekk tonqos milli tottempera ruħek mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal fini u effetti kollha tal-liġi, kun avżata illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt sabiex fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżenta rikors sabiex topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjali mhijiex tiegħek jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti kontra tiegħek u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala esegwibbli ai termini ta' Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

between the 24th of May of the year 2018 and the 24th March of the year 2020 respectively, have remained unpaid despite being due and even though such payment was requested on numerous occasions, is therefore requesting you that within two (2) days from being served with this judicial letter to proceed to pay the company the sum of €3,615.37, which sum represents the sum of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by yourself and remain to be unpaid.

The company informs you that if you fail to abide by the aforementioned it will proceed with the execution of the mentioned bills of exchange according to Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law, be warned that in terms of Article 253(e) of Cap 12 of the Laws of Malta you have a right to present an application within twenty (20) days from the date of when you are served with this judicial letter to oppose the execution of the mentioned bills of exchange due to the reason that the signature on the bills of exchange is not yours or because of a grievous and valid reason.

For you to be guided accordingly.

With costs, including that of the present against you and with legal interest from the date of each respective bill of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the mentoned bills of exchange as enforceable in terms of Article 256(2) of Cap 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1291

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Lulju, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2445/2019, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Clifford Neal Jones, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Clifford Neal Jones (passport Britanniku 553371684) ta' 58, Block H, St Paul's Court, Triq Gulju, San Pawl il-Baħar SPB 2614, fil-15 ta' Novembru, 2019, HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €3873.25 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €26.53 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sal-5 ta'

By means of a decree of the 12th July, 2021, in the records of the judicial letter number 2445/2019, in the names HSBC Bank Malta plc vs Clifford Neal Jones, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Clifford Neal Jones (British Passport 553371684) of 58, Block H, St Paul's Court, Triq Gulju, San Pawl il-Baħar, SPB 2614, on the 15th November, 2019, HSBC Bank Malta plc (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within two days from the day when you receive this letter you pay the amount of €3873.25 as the capital and as for the sum of €26.53 as interest that accrued on the capital sum till the 5th November,

Novembru, 2019, bl-ispejjeż amministrattivi, oltre l-imgħax mis-6 ta' Novembru, 2019, sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta'din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dan in rifużjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Mastercard Credit Card bin-numru 5522009410263833, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ inti mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

2019, with administrative costs, besides the interest from the 6th November, 2019, tillthedate of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment and this as refund of the amount given to you by means of the Mastercard Credit Card facility holding number 5522009410263833, which amount although repeatedly solicited to pay you remained in default.

To avoid useless Court costs, if the payment of the debt above mentioned is not possible and you néed more time for monthly payments, you can admit your debt with the Bank by means of a notarial act. In this case you are advised that within fifteen days from the service of this letter you are to advise the Bank and engage a notary.

This letter serves to interrupt prescription, and so it is required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further Court procedures will be taken against you without further notice.

So much for your own guidance.

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd July, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1292

B'digriet mogħti fit-22 ta' Lulju, 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq rikors numru 1129/2022 ippreżentat minn Josephine Bonnici, fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testmenti sigrieti ta' Teresa Vella, (KI 0292926M), bint il-mejtin Luigi Vella u Concetta Vella née Farrugia, imwielda Bormla, Malta, u mietet Santa Venera, Malta, fil-21 ta' Marzu, 2022, ta' 95 sena.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dawn it-testmenti se jsir nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2022, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu (8.30 a.m.) fl-Awla 17, il-Qorti, Il-Belt, Valletta, taħt il-Ministeru tan-Nutar John Gambin.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżidizzjoni Volontarja)

Illum 22 ta' Lulju, 2022

ANTONIA DALLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 22nd July, 2022, by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on an application number 1129/2022 filed by Josephine Bonnici , wherein it has been ordered the opening and publication of the secret wills of Teresa Vella, (ID 0292926M), daughter of the late Luigi Vella and the late Concetta Vella née Farrugia, born at Cospicua, Malta and died at Santa Venera, Malta, on the 21st March, 2022, aged 95 years.

The opening and publication are going to be held on Tuesday, 27th September, 2022, at half past eight in the morning (8.30 a.m.) in Hall 17, at the Law Courts, Valletta under the ministry of Notary John Gambin.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 22nd July, 2022

ANTONIA DALLI
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Jannar, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni fl-ismijiet Tiziana Grech vs Steve Joseph Micallef, Ittra numru 577/2021, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Steve Joseph Micallef a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Tiziana Grech (KI 224599M) vs Steve Joseph Micallef (KI 360480M) fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 577/21BOB, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrenti Tiziana Grech (KI 224599M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri … omissis … tiġi fdata lill-esponenti ad esklussivament;

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex deċiżjonijiet relatati mal-edukazzjoni tal-minuri, inkluż l-għażla tal-iskola u l-attivitajiet ekstra kurrikulari jittieħdu mill-esponenti b'mod esklussiv u mingħajr bżonn ta' awtorizzazzjoni daparti tal-istess intimat;

3. Tiffissa manteniment għall-bżonnijiet tal-minuri … omissis … fl-ammont ta' mhux inqas minn €300, liema ammont kull erba' ġimgħat li jinkludi fih l-ispejjeż kollha relatati ma' saħħa u edukazzjoni jew somma oħra verjuri;

4. Tordna li l-manteniment li l-istess Qorti jogħġobha tipprefiġġi għandu jiżdied kull sena skont l-Indiċi tal-Għoli tal-Ħajja;

5. Tordna illi kwalunkwe benefiċċju soċjali jew għajnuna soċjali relattiva għall-minuri msemmi għandu jiġi pperċepit unikament mill-esponenti;

6. Takkorda lill-intimat aċċess għall-minuri, darba matul tmiem il-ġimgħa b'mod alternat mid-9.30 a.m. sas-18.00 p.m.

Salv kull provvediment ieħor li l-istess jogħġobha timponi.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja), l-Onor. Imħallef Antonio G. Vella, LLD

Ittra Medjazzjoni numru 577/2021

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tad-9 ta' Ġunju, 2021,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħames (5) ijiem utili għar-risposta.

By means of a decree of the 21st February, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Mediation Letter in the names Tiziana Grech vs Steve Joseph Micallef, Letter number 577/2021, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Steve Joseph Micallef in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the acts of the Mediation Letter number 577/2021BOB in the names Tiziana Grech (ID 224599M) vs Steve Joseph Micallef (ID 360480M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 9th June, 2021, the applicant Tiziana Grech (ID 224599M) requested this Honourable Court to:

1. Order that the exclusive care and custody of the minor child … omissis … be entrusted to the applicant exclusively;

2. Authorise the applicant to make decisions relating to the education of the child, including the choice of school and extra-curricular activities taken by the applicant exclusively and withut the need for authorisation by the same respondent;

3. Fix maintenance for the néeds of the child … omissis … in an amount of not less than €300, which amount every four weeks including all expenses related to health andeducation or other higher amount;

4. Order that the maintenance which the same Court orders to be paid, should be increased annually in accordance with the Cost of Living Index;

5. Order that any social benefits and social assistance relating to the said child should be received solely by the applicant;

6. Grant the respondent access to the minor, once during every alternate weekend from 9.30 a.m. sas-18.00 p.m.

Saving any other provisions which this Honourable Court deems fit.

Civil Court (Family Section), the Hon. Judge Antonio G. Vella, LLD

Mediation Letter number 577/2021

The Court,

Having seen the application of the 9th June, 2021,

Orders service on the other party, who is to file a reply within five (5) working days.

Illum 9 ta' Ġunju, 2021

Rikorrenti: 35, Atlantis Court, Flat 1, Triq il-Papa Piju XII, Birkirkara

Esponenti notifika: Binja Vista, Ent. E, Flat 2, Triq il-Konti G. A. Ciantar, Birkirkara, u/jew Koptaco, Koptaco Building,Triq Tas-Sliema, Il-Gżira GZR 1635

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 22 ta' Lulju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 9th June, 2021

